KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

Ref: Seduta # 18_19/05/10VI

# MINUTI TAT-TMINTAX- IL SEDUTA

**Tkomplija tat-tmintax-il seduta** tas-Sitt Kunsill Lokali tas-Sliema li nżammet nhar **il-5 ta' Awwissu 2010** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti għas-seduta kienu:**

**Is-Sindku** Nikki Dimech
**Il-Viċi Sindku** Joanna Gonzi
**Il-Kunsilliera** Marianne Aquilina, Yves Cali, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Martin Debono, Cyrus Engerer, Julian Galea, Nicolai Gauci.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** Svetlana Curmi,
**L-Uffiċjal** Graziella Enriquez

**Skużat** Patrick Pace

**Is-seduta bdiet fis-5.52pm.**

## 2. Materji konnessi mal-minuti

2.1 Il-Kunsillier C. Engerer ressaq żewġ mistoqsijiet b'konnessjoni mal-minuti tas-Seduta 17 fejn talab kjarifika mingħand is-Sindku dwar kif ġab il-parir tal-avukat dwar il-fairylights. Il-Kunsillier Engerer staqsa jekk l-Avukat kienx preżenti għal laqgħa tal-Kunsill jew jekk l-Avukat tax parir bil-kitba lis-Sindku.

2.2 Il-Kunsillier C. Engerer saqsa wkoll lill-Kunsillier M. Debono rigward it-tieni paragrafu tal 4.10 jekk l-avukat kienx preżenti waqt il-laqgħa tal-Kunsill biex jispjega għalfejn ma kienx hemm bżonn tender dwar ir-refurbishment tal-uffiċċini tal-Kunsill jew jekk kellmux personalment xi darba oħra, peress illi l-minuti jagħtu x'tifhem illi kien preżenti waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsillier C. Engerer ippreċiża li xtaq din l-

Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

informazzjoni minħabba li hu ma kienx preżenti fis-seduta ta' April meta ġie diskuss dan is-suġġett.

2.2.1 Il-Kunsillier M. Debono qal illi l-avukat kien qiegħed fl-uffiċċju tal-Kunsill waqt il-ħinijiet tal-ftuħ għal xi *meeting* ieħor u saqsieh dik in-nhar. Il-Kunsillier C. Engerer saqsa jekk dan il-*meeting* kienx imniżżel fix-*schedule of meetings*. ~~Il-Kunsillier~~ Debono wieġeb ~~billi staqsa jekk għandux ikun imniżżel fix-*schedule of meetings* kull darba li Kunsillier jitkellem mal-avukat.~~

2.2.2 Il-Kunsillier M. Debono qal illi l-minuti għandhom jiġu emendati kif ġej 'L-avukat tal-Kunsill waqt li kien fl-uffiċċju tal-Kunsill qal li jista jkun'. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din l-emenda.

2.3 Il-Kunsillier M. Debono talab illi l-minuti għandhom jiġu nnumerati.

2.4 Il-Kunsillier M. Debono qal illi mal-minuti tas-seduta 18 kien hemm anness Doc 'A'. Huwa staqsa jekk dan kienx ġie mressaq meta kien hemm kworum. Qal illi jekk ma kienx hemm kworum dan id-dokument għandu jiġi mressaq illum. Il-Viċi Sindku ikkonfermat illi id-Dikjarazzjoni li għalija kien qed jirreferi l-Kunsillier M. Debono inqrat waqt li kien hemm kworum. Dan ġie kkonfermat ukoll mis-Segretarju Eżekuttiv.

2.4.1 Il-Kunsillier N. Gauci qal illi s-Segretarju Eżekuttiv qalet illi din id-dikjarazzjoni trid tinqara waqt il-*matters arising*, is-Segretarju Eżekuttiv ċahdet dan u qalet illi ċerta illi qatt ma qalet hekk.

2.4.2 Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet illi ma taqbilx ma din id-dikjarazzjoni u l-Viċi Sindku qaltilha illi għandha kull dritt ma taqbilx, u tista' tirrispondiha. Il-Kunsilliera Aquilina qalet illi din id-dikjarazzjoni fil-fatt se tiġi risposta.

2.5 Minħabba illi Sindku ma kienx preżenti biex jirrsipondi l-ewwel mistoqsija tal-Kunsillier C. Engerer ġie deċiż illi tiġi sospiża din il-mistoqsija sa x'ħin ikun jista' jagħti

tweġiba s-Sindku. Il-Kunsill kollu qabel ma' din id-deċiżjoni barra l-Kunsillier N. Gauci li astjena.

Is-seduta ntemmet fis-6.14pm. Il-Kunsill aġġorna għal dak in-nhar stess biex tibda s-seduta numru 19.

Sindku

Segretarju Eżekuttiv.